32001D0777

L 292/41 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.11.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-6 ta’ Novembru 2001
## li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew ta’ l-Investiment kontra telf taħt azzjoni speċjali tas-self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana

(2001/777/KE)

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Id-Dimensjoni tat-Tramuntana kienet imnehdija mill-Kunsill ta’ Helsinki ta’ l-10-11 ta’ Diċembru 1999, li stieden lill-Kummissjoni biex tipproponi Pjan ta’ Azzjoni għad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Il-Kunsill Ewropew ta’ Feira f’Ġunju 2000 adotta l-Pjan ta’ Azzjoni fil-politika esterna u transkonfini ta’ l-UE matul l-2000-2003. Id-Dimensjoni tat-Tramuntana tkopri ż-żona ġeografika mill-Islanda lejn il-punent sar ir-Russja tal-Majjistral, min-Norwegian Barents u l-Ibħra Kara fit-Tramuntana sal--kosta tan-Nofsinhar tal-Baħar Baltiku.

(2) Id-Dimensjoni tat-Tramuntana timmira li tindirizza l-isfidi speċjali ta’ l-iżvilupp reġjonali fl-Ewropa tat-tramuntana. Dawn jinkludu kondizzjonijiet klimatiċi ħorox, distanzi twal, disparitajiet partikolarment wiesa’ fil-livelli ta’ l-għajxien, sfidi ambjentali nklużi problemi bl-iskart nukleari u l-immaniġġar ta’ l-ilma mormi, kif ukoll trasport insuffiċjenti u faċilitajiet transkomfini. Hija timmira li tintensifika l-koperazzjoni transkonfini bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u reġjuni ġirien tagħha fl-Ewropa tat-tramuntana.

(3) Il-Komunità diġà tappoġġa xi proġetti ambjentali fil-Majjistral tar-Russja b’għotjiet mit-*Tacis*, li, fost ħwejjeġ oħra, tagħti attenzjoni għall-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ambjentali u t-tniġġis, inkluż tniġġis transkonfini. Huwa ġustifikat għall-Komunità li ssaħħaħ l-appoġġ tagħha permezz ta’ self limitat mill-Bank Ewropew ta’ l-Investiment (EIB). L-involviment ta’ l-EIB għandu jsaħħaħ l-impatt ta’l-azzjonijiet tal-Komunità, mhux biss billi jżid il-fondi disponibbli, iżda wkoll permezz ta’l-involviment professjonali tat-timijiet ta’ proġett tal-Bank.

(4) Fuq l-inizjattiva tal-Presidenza, l-Kunsill Ecofin tat-12 ta’ Marzu 2001 ikkunsidra sett ta’ kriterji għal azzjoni speċjali limitata ta’ l-EIB għal proġetti ambjentali fit-Majjistral tar-Russja, notevolment fiż-żoni ta’ San Pietruburgu u Kaliningrad. Kien sottolineat li (a) il-proġetti għandhom ikunu stmati mill-EIB u s-self awtorizzat fuq il-bażi ta’ każ b’każ mill-Bord tal-Gvernaturi tiegħu. Dan huwa għalhekk mhux xi kwistjoni ta’ mandat ġenerali ta’ self għar-Russja; (b) il-proġetti għandu jkollhom għan ambjentali qawwi u jkunu ta’ interess sinifikanti għall-Unjoni Ewropea; (ċ) l-EIB għandu jikkopera u jikkofinanzja ma’ inizjattivi internazzjonali finanzjarji oħra sabiex jassigura qsim raġonevoli tar-riskju u kondizzjonalità xierqa tal-proġett; (d) il-volum aggregat tas-self huwa suġġett għal-limitu indikattiv ta’ Ewro 100 miljun; (e) ir-Russja għandha tonora l-obbligi finanzjarji internazzjonali tagħha, inklużi dawk tal-Paris Club.

(5) Il-Kunsill Ewropew ta’ Stokkolma tat-23-24 ta’ Marzu 2001 ikkonkluda li l-Unjoni għandha tiftaħ self mill-EIB għal proġetti ambjentali magħżula fir-Russja, skond kriterji speċifiċi deċiżi mill-Kunsill.

([1]) ĠU Ċ 240 E, tat-28.8.2001, p. 295.
([2]) Opinjoni mogħtija fl-24 ta’ Ottubru 2001 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(6) Huwa għalhekk xieraq li tkun provduta garanzija lill-EIB biex ikun jista' jiffirma operazzjonijiet ta' self taħt din l-azzjoni speċjali ta' self għal proġetti ambjentali magħżula fil-Baħar Baltiku tax-xifer tar-Russja, notevolment fiż-żoni ta' San Pietruburgu u Kaliningrad. L-EIB indika l-abbiltà u l-volontà tiegħu li jestendi self mir-riżorsi proprji tiegħu fir-Russja tal-Majjistral skond l-Istatut tiegħu.

(7) Din l-azzjoni speċjali, li tinvolvi garanzija separata ta' 100 % tal-Komunità, hija ta' natura eċċezzjonali u m'għanhiex titqies bħala preċedent għal xi azzjonijiet futuri.

(8) Is-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana (NDEP) għandha tipprovdi qafas għall-iffissar ta' prijoritajiet, li jinvolvu l-Kummissjoni, donaturi bilaterali u multilaterali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-pajjiżi ta' transizzjoni konċernati.

(9) L-iffinanzjar mill-EIB fir-Russja taħt din id-Deċiżjoni għandu jkun immaniġġat skond il-kriterji u l-proċeduri normali ta' l-EIB, inklużi miżuri xierqa ta' kontroll, kif ukoll mar-regoli relevanti u l-proċeduri li jikkonċernaw il-Qorti ta' l-Awdituri u l-OLAF.

(10) Għall-fini ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-uniċi setgħat previsti mit-Trattat huma dawk stipulati fl-Artikolu 308,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Objettiv**

Il-Komunità għandha tagħti lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-EIB") garanzija fir-rigward tal-ħlasijiet kollha li ma jirċeviex iżda dovuti fir-rigward tal-krediti miftuħa, skond il-kriterji normali tagħha,għall-proġetti ta' l-investiment imwettqa taħt din l-azzjoni speċjali ta'self fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana. Il-proġetti eliġibbli għandu jkollhom obejttiv ambjentali b'saħħtu u jkunu ta' interess sinifikani għall-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

**Limiti u kondizzjonijiet**

1. Il-limitu globali tal-krediti miftuħa għandu jkun ta' EUR 100 miljun.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni speċifika, l-EIB għandu jibbenefika minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità ta' 100 % li tkopri l-ammont totali ta' krediti miftuħa taħt din id-deċiżjoni u s-somom kollha relatati.

3. Il-proġetti finanzjati minn self li għandhom ikunu koperti bil-garanzija għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) eliġibilità skond l-Artikolu 1;

(b) koperazzjoni u kofinanzjament mill-EIB ma' istituzzjonijiet oħra finanzjarji internazzjonali sabiex jiġi assigurat qsim raġonevoli tar-riskju u kondizzjonalità adattata tal-proġett.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi ta' l-EIB, taħt l-Artikolu 18(1), sat-tieni paragrafu, tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu japprova fuq il-bażi ta' każ b'każ kull self li għandu jkun kopert bil-garanzija tal-Komunità.

5. Il-Bord tad-Diretturi ta'l-EIB għandu jipproponi biss proġetti għall-approvazzjoni lill-Bord tal-Gvernaturi jekk ir-Russja tonora l-obbligi finanzjarji internazzjonali tagħha, inklużi l-obbligi tagħha tad-dejn mal-Paris Club.

*Artikolu 3*

**Rapportar**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena dwar l-operazzjonijiet ta' self imwettqa taħt din id-Deċiżjoni u għandha, fl-istess waqt, tibgħat stima ta'l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali nvoluti fil-proġetti. L-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tinkludi stima tal-kontribuzzjoni tas-self taħt din id-Deċiżjoni għat-twettieq ta' l-objjettivi tal-Komunità taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana.

Għall-finijiet ta' l-ewwel subparagrafu, l-EIB għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni xierqa.

*Artikolu 4*

**Perjodu ta' żmien**

Il-garanzija għandha tkopri self iffirmat matul perjodu ta' tliet snin mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Jekk, malli jiskadu dawk it-tliet snin, is-self iffirmat mill-EIB ma jkunx laħaq il-limitu globali msemmi fl-Artikolu 2, dan il-perjodu għandu jiġi awtomatikament imtawwal b'sitt xhur.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. L-EIB u l-Kummissjoni għandhom jiffissaw it-termini li bihom għandha tingħata l-garanzija.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. REYNDERS